Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 22/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 26 ta' Ġunju 2223

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:45

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Cascun	Viċi - Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Vincent Borg	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Dominic Grima	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Alfred Zammit	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sur Daniel Galea	Accounatnt		Preżenti (Parti mil-laqgħa)

22. 1 Ittri ta' Apoloġija

22.1.1 Il-President semma li s-Sur Alfred Zammit, talab li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li s-Sur Alfred Zammit sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

22.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.21

22.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 21 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

22.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 18

22.3.1 Fuq proposta tal-SPresident li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u is-Sur Domenic Grima ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Mejju 2023 u 26 ta' Ġunju 2023 li kienet tammonta għall-€304,531.80.

22.4 Komunikazzjoni oħra mill-President

22.4.1 Ħaddiema RSSL	Il-President semma li l-ħaddiema tal-RSSL huma skedati mal-Kunsilli Lokali kif mitlub sa Ottubru 2023. Is-Sur Grima semma li minħabba x-xhar tal-festa ta' Raħal Ġdid huwa ser iċedi l-ħaddiema sabiex jaħdmu mal-Kunsill Lokali ta' Bormla. Semma li dawn għandhom imorru f' Awwissu Raħal Ġdid.
22.4.2 CCTVS	Il-President semma li dawn imdaħħlin fl-Estimi finanzjari tar-Reġjun u għaldaqstant ser jibdew laqgħat ma' persuni esperti biex jibda jinkiteb it-tender.
22.4.3 LESA	Il-President semma li minkejja li kien hemm konferma li LESA ser tirrifondi lir-Reġjun spejjeż ta' Tribunal tas-sena 2022 kif kien jgħid l-ftehim li kien jiskadi fis-sena 2021, minkejja li r-Reġjun għadda d-dokumenti kollha sa issa l-Aġenzija kienet għada ma rrifondietx dawn l-ispejjeż.
22.4.5 Skema għall-latrini awtomatiċi	Il-President talab li l-Kunsilli jinfurmaw lir-Reġjun liema latrini kien ser isir ix-xogħol fihom.
22.4.6 Social Impact Assessment	Il-President semma li kien ġie ffirmat id-dokumentazzjoni kollha u li l-Fakulta' tal-Benesseri Soċjali kienet ser tibda bil-focus groups mal-Kunsilliera u s-Sindki.
22.4.7 AGM	Il-President semma li jista' jgħid li l-AĠM sar u kien ta' suċċess.
22.4.8 Intervista għar-Reġistratur – Triunal Żejtun	Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kompla l-proċess mal-Jobsplus.
22.4.9 Art b' devoluzzjoni lir-Reġjun	Il-President semma li dan il-proġett għadu għad-diskussjoni.
22.4.10 Attivitajiet – Football għall-bniet	Il-President semma li kienu tqassmu l-flyers lill-Kunsilli Lokali sabiex jinkoraġġixxu lill-bniet sabiex jattendu għal din l-attivita'.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

22.4.11 Kundizzjoni tal-Binja tal-Awla

Is-Segretarju Eżekuttiv kien informa li r-rapport tal-Perit kien tlesta u dan kien preżentat lill-Kumitat. Semmiet li kopja tar-rapport għaddiet ukoll lid-Diviżjoni kif ukoll lill-Kunsill Lokali Żejtun. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li l-Kunsill Lokali rrifondi lir-Reġjun l-ispejeż li għamel tal-Perit imabbad.
Il-President semma li qed jinkiteb ukoll it-tender biex ir-Reġjun joħroġ sejħa għall-kiri tal-binja.

22.4.12 Belt Kulturali Ewropea

Il-President informa li huwa flimkien mal-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqgħu mal-avukati sabiex jibda proċess ta' due diligence fuq il-fondaturi kif ukoll fuq l-amministrattur li wara jitkompla l-proċess min-nutar li huma sabu u li lesti li jaħdmu flimkien.
Is-Sindku, is-Sur Boxall semma li huwa jinsisti li f' kull laqgħa li ser ikun hemm li tirrigwardja l-Fondazzjoni kemm huwa kif ukoll il-President iridu jkunu mistiedna.
Is-Sur Wayne Aquilina semma li din tkun opportunita' għax tibda reġenerazzjoni tal-Port kollu.
Il-President semma li huwa ser ikun qed joħroġ il-fondi li ġew approvati fil-laqgħa preċidenti sabiex isosstnu l-Fondazzjoni u għaldaqstant irreveda l-Estimi Finanzjarji sabiex ir-Reġjun jibqa' jopera b' surplus. Is-Sur John Boxall semma li hekk kif jixhdu l-minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill tal-Birgu, il-fondi ġew approvati minkejja li l-Kunsill ser ikun qed jaqa' f' deficit. Is-Sindku tal-Birgu semma li dan huwa proġett kbir u għall-Kunsill huwa rrelevanti d-deficit jekk il-Birgu jirnexxilu jieħu t-titlu.
Il-President semma li d-diskussjonijiet mal-avukat ser ikomplu għaddejjin u ser jimxu mal-pariri tal-avukat kif ukoll fid-direzzjoni li tat is-Segretarju Permanenti.

22.4.13 Skema Clean Up

Il-President semma li r-Reġjun issottometta l-applikazzjoni f' iskem il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Żabbar, Xgħajra, Floriana u Kalkara. Semma li kien hemm xi Kunsilli oħra li ssottomettaw applikazzjoni individwali. Semma li hemm qbil bejn il-Kunsilli involuti li l-Vclean Up tar-reġjun issir nhar 16 ta' Settembru 2023.

22.4.14 Fondi tal-LESA – Infurzar

Il-President semma li kienu irċevew l-ewwel allokazzjoni ta' fondi sabiex jirrifondu lill-Kunsilli Lokali nefqiet relatati ma' infurzar f' attivitajiet ġewwa l-lokalita' fuq talba tal-Kunsill Lokali. Il-President semma li kull talba għandu tkun ġejja mill-Kunsill Lokali rispettiv u mhux mill-għaqdiet. Għaldaqstant, il-Kunsill irid jikkordina mal-għaqdiet fejn iħoss il-ħtieġa.

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Fuq proposta tas-Sur Aquilna, issekondata mill-President kull Kunsill Lokali għandu jingħata allokazzjoni ta' €4,000 għandu jsir aġġornament kull tliet xhur sabiex jekk Kunsill Lokali jaħseb li mhux ser juża l-fondi dovuti jkun hemm qbil bejn il-Kunsilli kif dawn għandhom jitqasmu.

22.4.15 Ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali

Il-President semma li saru laqgħat mal-kuntrattur fil-preżenza tas-Sindki li xtaqu jattendu dakinhar.
Is-Sur Marco Aguis semma li għadd hemm problema bil-boroż li mhumiex jinġabru kollha.
Is-Sur Grima semma li għadu qed isir xi tgeddis u naki jinqabżu l-bibien.
Is-Sur Clayton Cascun semma li għadd hemm problemi f' ċerti toroq li jkunu repetuti.
Is-Sur John Boxall irrimarka li problemi ma' resident bħalma hija l-kwistjoni ta' St. Angelo Mansions għandhom jiġu trattati mal-Kunsill għax ħadd daqs il-Kunsill ma jaf il-problemi.

22.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-reviżjoni tal-Estimi Finanzjarji 2023

22.5. 1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jidħol l-accoounta online sabiex jispjega l-figuri.

22.5.2 Is-Sur Galea spjega li minħabba spejjeż relatati mal-Fondazzjoni huwa kien intalab sabiex jirrevedi l-Estimi sabiex possibbilment ma ir-Reġjun ma' jgħlaqx b' deficit.

22.5.3 Is-Sur Galea spjega li l-ispiża fejn tidħol salarji inżammet baxxa u kienu inklużi biss spejjeż ta' salarju ta' Segretarju Eżekuttiv fi skala 7, impjegat fi skala 11, impjegat fi skala 16 u Uffiċjal Maniġerjali fuq il-Waste.

22.5.4 Is-Sur Galea spjega li minkejja li r-riżervi tar-Reġjun huma b' saħħithom wieħed irid jaħdem bil-għaqal sabiex dawk jintużaw għall-proġetti kapitali u mhux infieq sabiex titmexxa l-amministrazzjoni tar-Reġjun jew tal-Fondazzjoni. Dan għaliex inkellha r-Reġjun jaqa' f' deficit.

22.5.5 Il-President semma li għall-rapport dettaljat wieħed jista' jaqra wkoll l-overview tar-rappor finanzjarju.

22.5.6 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, ir-rapport reveduti tal-Estimi Finanzjarji ġie approvat.

22.6 Komunikazzjoni mill-Membri

22.6.1 Is-Sur John Boxall preżenta rikjesta sabiex ir-Reġjun jiffinanzja €10,000 sabiex tittela' l-Birgu Fest. Il-President irrimarka li għalissa ma jistax jikkometti ruħu minkejja li jaf li kienet ittieħdet deċiżjoni f' laqgħat preċidenti sabiex kull Kunsill jieħu €10,000 f' għajnuna għall-attivitajiet kulturali. Il-Presidnet semma li minħabba li kienu saru l-emendi fl-estimi sabiex jiddaħħlu spejjeż relatati mal-Fondazzjoni kif ukoll il-proġett ta' CCTVs li hemm pjanat. Is-Sur Boxall semma li kien

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

hemm diġa Kunsill li r-Reġjun kien ikkommetta li ser jgħinu f' attivita' kulturali. Il-President semma li l-attivita' f' Ħaż Żabbar ma saritx u kien ser jikkomunika mas-Sindku wkoll f' dan il-kuntest.

22.6.2 Is-Sur Marco Agius preżenta wkoll ittra sabiex jitlob fondi t' assistenza mingħand ir-Reġjun f' isem il-Fondazzjoni Wirt Bormla sabiex jiġi miktub ktieb fuq Bormla. Il-President semma li r-reġjun ma jistax jagħti donazzjonijiet jew jassiti terzi persuni. Il-President enfasizza li r-Reġjun jassisti l-Kunsilli Lokali.

22.6.3 Is-Sur Vincent Borg semma li l-Kunsill tal-Floriana ser ikun qed jikkontesta d-deċiżjoni li ħadu d-Diviżjoni sabiex jinbidel l-Avviż Legali 123.2023 rigward permessi ta' oħħetti oħra fit-toroq.

22.7 Aġġornament

22.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-21:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv